MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2004

Numru 18/2000

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Marco Pace**

Il-Qorti

Rat l-Att ta’ l-Akkuza numru 18 tas-sena 2000 kontra l-akkuzat Marco Pace li bih huwa gie akkuzat mill-Avukat Generali b’diversi reati u cioe’:-

L-ewwel kap – Bhala parti minn pjan akbar miftiehem bejn **Marco Pace** u persuna ohra mhux maghrufa sabiex jaghmlu *hold-up* u jisirqu flus min fergha ta’ Bank kummercjali lokali, nhar il-gimgha tnax ta’ Frar tas-sena elf disa mija disgha u disghin huma iddecidew li jisirqu vettura kwalunkwe sabiex tintuza fl-imsemmija serqa biex b’hekk ma jhallu ebda tracca taghhom

Gewwa triq f'San Gwann kien hemm dak in-nhar ipparkjata bejn is-siegha ta' wara nofsinhar u d-disgha ta' filghaxija, vettura tal-ghamla Audi, kulur abjad, bin-numru tar-registrazzjoni BLE 005, appartenenti lil Raymond Mallia, u li kellha valur ta' aktar minn elf lira Maltin. **Marco Pace** u l-persuna l-ohra mhux maghrufa serqu l-imsemmija vettura u zammewha fil-pussess taghhom sabiex tintuza l-ghada minnhom fis-serqa l-ohra li kienu ftehemu li jaghmlu f' Bank kummercjali lokali.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Marco Pace** sar hati ta' serq ikkwalifikat bil-valur (izjed minn elf lira) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura).

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi **Marco Pace**, hati ta'serq ikkwalifikat bil-valur (izjed minn elf lira) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura).

L-Avukat Generali qieghed jaddebita lill-istess **Marco Pace** bir-recidiva fid-delitt tas-serq peress li b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-16 ta' Awissu, 1989, u fid-9 ta' Gunju, 1994, rispettivament, huwa instab hati ta' delitt ta' serq.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' minn tmintax-il xahar sa' disa' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), 289, 31(1)(b)(vii)(iii), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

It-Tieni Kap – Parti minn pjan akbar miftiehem bejn **Marco Pace** u persuni ohra mhux maghrufa sabiex issir serqa ta' flus minn fergha ta' Bank kummercjali lokali, kien

jikkonsisti filli tinsteraq minn qabel vettura kwalunkwe sabiex din tintuza fis-serqa ta’ flus mill-Bank.

Kien ghalhekk illi minn gewwa San Gwann, nhar it-12 ta’ Frar, 1999 insterqet vettura tal-ghamla Audi, bajda, bin-numru BLE 005, appartenenti lil Raymond Mallia, u dana bejn is-siegha ta’ wara nofsinhar u t-tmienja ta’ filghaxija. L-imsemmi serq kien ikkwalifikat bil-valur (aktar minn elf lira Maltin) u bix-xorta tal-haga misruqa (meta jsir fuq xi vettura f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta', jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura).

Illi appena insterqet l-imsemmija vettura dakinhar, **Marco Pace** xjentement gie fil-pussess tal-istess svettura gewwa Hal-Qormi ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija tal-imsemmija data 12 ta’ Frar, 1999. Huwa kien jaf li dik il-vettura kienet misruqa, u allura huwa ma tax f’idejn l-awtorita’ kompetenti il-haga milqugha qabel ma tmexxew il-proceduri kriminali kontrih jew fi zmien tlett ijiem minn dak in-nhar li kien laqa’ ghandu il-haga misruqa, u wisq inqas kixef l-awturi ta’ dak ir-reat.

Illi b’eghmilu, l-imsemmi **Marco Pace** sar hati talli f’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi **Marco Pace** hati talli f’Malta xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

L-Avukat Generali qieghed jaddebita lill-istess **Marco Pace** bir-recidiva fid-delitti peress li b’sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-16 ta’ Awissu, 1989, u fid-9 ta’ Gunju, 1994, rispettivament, huwa instab hati ta’ delitti.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' minn tmintax-il xahar sa' disa' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 334, 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1), 49, 50, 31(1)(b)(vii)(iii), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

It-Tielet Kap – Wara li nhar it-12 ta' Frar, 1999, kienet insterqet vettura bil-ghan li dina tintuza f'*hold up* fuq Bank kummercjali li kellu jsir aktar tard, nhar is-Sibt tlettax ta' Frar tal-imsemmija sena 1999, **Marco Pace** u persuna ohra mhux maghrufa ftehemu li dakinhar kellhom jaghmlu dak is-serqa ta' flus mill-Bank.

Il-Bank maghzul minnhom kien il-fergha tal-Lombard gewwa Main Street, Qormi. Ghal din is-serqa huma, minn qabel, ipprokuraw armi tan-nar, ghotja tal-wicc, ingwanti, u boiler suits sabiex jintuzaw minnhom fil-hold-up li kienu sejrin jaghmlu.

Ghall-habta ta' xi nofsinhar ta' dak il-jum huma rehewlha lejn Main Street, Qormi, bil-vettura Audi li kienet insterqet ghal dan l-iskop il-jum ta' qabel. X'hin waslu hemm, ipparkjaw il-vettura fil-vicinanzi, nizlu, armati u mghaddma, u b'girja wahda imbuttaw il-gewwa l-bieb tal-fergha tal-Lombard Bank. F'dan il-waqt inkiser xi hgieg fl-imsemmi bieb, u **Marco Pace** u l-persuna l-ohra sabu ma' wicchom PC 966 Joseph Massa li dak inhar kien ghassa bhala security l-imsemmija fergha. Dan il-kuntistabbli Massa kien armat, u kif raw hekk, **Marco Pace** u l-persuna l-ohra iffermaw lil dan il-kuntistabbli u hadulu l-arma tat-tip Webley li kien qieghed igorr fuqu flimkien mal-munizzjon relattiv.

**Marco Pace** u l-persuna l-ohra iffermaw ukoll lill-persuni l-ohra li kien hemm gewwa l-Bank dak il-hin, bejn impjegati tal-Bank u membri tal-pubbliku. F'dan il-perjodu kollu, l-istess **Marco Pace**, li nel frattemp inqalatlu l-balaklava li kien liebes, u l-persuna l-ohra anke sparaw zewg tiri bl-armi tan-nar li kienu qeghdin igorru fuqhom.

Wahda mill-impjegati tal-Bank giet imgieghlha minn **Marco Pace** u l-persuna l-ohra sabiex tghaddilhom il-flus kollha kontanti li kienu jinsabu hemm, u dana fost hafna theddid u ghajjat mill-hallelin. Di fatti, **Marco Pace** u siehbu hadu b'kollox madwar sitt elef Lira Maltin (Lm6,000), u minnufih hargu jigru l-bara b'dawk il-flus appena misruqa sabiex jerhulha lura lejn il-vettura misruqa minnhom uzati f'din is-serqa.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Marco Pace** sar hati ta' serq ta' flus ikkwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimikien ma' sekwestru tal-persuna, jew offiza ta' hsara fil-proprjeta' u meta l-halliel jipprezenta ruhu armat), bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra jew meta l-halliel jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc), bil-valur (aktar minn elf Lira Maltin) u bil-lok (lok ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku).

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi **Marco Pace** hati ta' serq ta' flus ikkwalifikat bil-vjolenza (meta jsir flimkien ma' sekwestru tal-persuna, jew offiza ta' hsara fil-proprieta' u meta l-halliel jipprezenta ruhu armat), bil-mezz (meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra jew meta l-halliel jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc), bil-valur (aktar minn elf Lira Maltin) u bil-lok (lok ta' depozitu jew ta' rahan li qieghed ghall-kumdita' tal-pubbliku).

L-Avukat Generali qieghed jaddebita lill-istess **Marco Pace** bir-recidiva fid-delitt tas-serq peress li b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-16 ta' Awissu, 1989, u fid-9 ta' Gunju, 1994, rispettivament huwa instab hati ta' delitt ta' serq.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' minn tlett snin sa' tnax-il sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262, 263, 267, 276, 277, 329, 330, 279(b), 280(1), 289, 31(1)(b)(vi)(ii), 17, 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Ir-Raba' Kap – Filwaqt illi nhar it-13 ta' Frar, 1999, gewwa Hal-Qormi, f'Bank kummercjali, **Marco Pace** u persuna ohra mhux maghrufa kienu qeghdin jaghmlu hold-up fejn serqu somma kbira ta' flus kontanti, l-istes **Marco Pace**, li kien armat b'arma tan-nar, spara tal-lanqas zewg tiri b'mod li ipperikola serjament il-hajja ta' kull min kien qieghed hemm gew dak il-hin.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Marco Pace** sar hati talli, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara armi tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi **Marco Pace** hati talli, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara armi tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet.

L-Avukat Generali qieghed jaddebita lill-istess **Marco Pace** bir-recidiva fid-delitti peress li b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fis-16 ta' Awissu, 1989, u fid-9 ta' Gunju, 1994, rispettivament, huwa instab hati ta' delitti.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn disa' xhur, jew multa ta' mhux inqas minn ghoxrin lira u mhux izjed minn mitejn lira, jew ghal dik il-prigunerija u multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 24(2), 33(1), 40 u 41 tal-Kapitolu 33, u fl-artikolu 17, 49, 50, 31(1)(b)(xi), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Il-Hames u L-Ahhar Kap – Appena **Marco Pace** u persuna ohra mhux maghrufa wettqu l-holp-up fil-Lombard Bank ta' Main Street, Qormi, nhar it-13 ta' Frar, 1999, minn fejn serqu kwantita' ta' flus, dawn it-tnejn min-nies hargu jigru l-barra sabiex jaharbu minn fuq il-post tad-delitt bil-vettura misruqa Audi BLE 005, li kienet tappartjeni lil Raymond Mallia.

Kien l-istess **Marco Pace** li saq lilu nnifsu u lill-persuna l-ohra l-boghod minn fuq il-post tad-delitt. Filwaqt li kien qieghed isuq ghal dan il-ghan, Marco Pace kien qieghed isuq b'velocita qawwija, bi traskuragni, b'imprudenza kbira u b'mod perikoluz, tant li effettivament spicca ikkaguna hsara fl-istess vettura, partikolarment fuq il-*mudguards u l-bumpers* taghha, danni ammontanti ghal cirka mitejn u teltin lira Maltin u ghad-detriment tal-imsemmi Raymond Mallia.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi **Marco Pace** sar hati talli, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna, ghamel xi hsara jew gharraq xi haga.

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, jew multa ta' mhux inqas minn ghoxrin lira u mhux izjed minn hames mitt lira, skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 11(1), 17, 328(d), 20 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Lulju 2004 minn fejn jirrizulta li l-akkuzat wiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-akkuzat gie mwissi minn din il-Qorti fuq il-konsegwenzi legali ta' l-imsemmija twegiba tieghu u wara li sar dak li hemm provdut fl-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa jtenni d-dikjarazzjoni tieghu li huwa kien hati tar-reati kif dedotti kontra tieghu;

Ghalhekk tiddikjara li :-

(1) l-akkuzat Marco Pace huwa hati talli nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 1999 f'San Gwann ma ohrajn seraq il-vettura tal-ghamla Audi numru ta' registrazzjoni BLE 005 appartenenti lil certu Raymond Mallia b'valur ta aktar minn elf liri maltin (Lm1000) u zammha fil-pussess tieghu

sabiex l-ghada tintusa f'serqa ohra u liema serq hu kwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa. Peress li l-akkuzat instab hati tar-reati skond l-ewwel kap huwa ma jistghax jinstab hati tar-reat skond it-tieni kap stante li dawn huma in alternattiva ghall-ewwel kap.

(2) l-akkuzat huwa hati talli fit-13 ta' Frar 1999, ghal habta ta nofsinhar, ma persuna ohra, fil-fergha tal-Lombard Bank gewwa Hal Qormi huwa kkommetta serq ta' flus liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok;

(3) l-akkuzat huwa hati talli fl-istess data, hin u lok, minghajr licenzja tal-Pulizija huwa spara armi tan-nar f'post abitat jew qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici;

(4) l-akkuzat huwa hati talli fl-istess data u hin f'Hal Qormi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharris tar-regolamenti, kkaguna, ghamel xi hsara jew gharraq xi haga;

(5) l-akkuzat sar recidiv peress li b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Awissu 1989 u fid-9 ta' Gunju 1994 huwa instab hati ta' delitt ta' serq;

Ikkonsidrat dwar il-piena:

B'nota presentata fis-16 ta' Lulju 2004 l-Avukat Generali u l-akkuzat iddikjaraw, ai termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kiminali, li jaqblu, u ghalhekk ukoll talbu, li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat tal-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu ghandha tkun periodu ta' prigunerija effettiva ghal zmien tlett snin, li hija l-minimu tal-piena karcerarja mitlub mill-Avukat Generali fl-imsemmi att ta' akkuza;

Wara li semghet it-trattazzjoni orali da parti tal-abbli difensur tal-akkuzat u tal-abbli Prosekutur dwar il-kontenut tal-imsemmija nota tas-16 ta' Lulju 2004 u dwar il-piena in generali u wara li semghet lill-ufficjal tal-Agenzija Sedqa li

gharfet lill-Qorti bil-programmi li segwa l-hati u li qed isegwi ghar-rigward tar-riabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga;

Tiddikjara li taqbel mal-kontenut tal-imsemmija nota tas-16 ta' Lulju 2004 u dana fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet:

(a) Taqbel ma dak li gie sottomess mill-abbli difensur tal-hati u mill-abbli Prosekutur li kollox jindika li hemm sinjali pjuttost posittivi li l-hati qed jirriforma ruhu u ghalhekk ma hemmx ghalfejn li jkun hemm periodu ta' prigunerija aktar mill-minimu u f'dan ir-rigward tissottolinja l-posizzjoni ghaqlija tal-Prosekuzzjoni;

(b) Ghalhekk il-hati ghandu jkompli jsegwi l-programmi kollha ghar-riabilitazzjoni tieghu anke fiz-zmien li huwa jkun qed jiskonta l-piena mghotija b'din is-sentenza. F'dan ir-rigward tissolecita lill-awtoritajiet kompetenti biex jaraw li l-hati jkompli isegwi dawn il-programmi;

(c) Ir-reati in kwestjoni u dawn il-fatti ilhom li sehhew zmien ilu u l-konsegwenzi tal-istess reati kienu pjuttost limitati;

(d) Fl-ahhar nett jigi rilevat li, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-fatt li l-hati ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu f'dan l-istadju m'ghandux bl-ebda mod jeffettwa l-piena. Hu dritt sagrosant ta' kull akkuzat li jikkontesta l-akkuzi li jkunu ngiebu kontra tieghu. Tali kontestazzjoni zgur li m'ghandha bl-ebda mod tirrifletti negativament fuq il-piena li eventwalment tigi inflitta jekk jinstab hati. Daqstant ammissjoni, f'kull stadju tal-proceduri penali, m'ghandiex bl-ebda mod tippingi fuq il-piena. Salv ovvjament konsiderazzjonijiet li jistghu jkunu specjali ghal kaz in kwestjoni;
Ghal dawn il-motivi kollha:-

Wara li rat l-artikoli 2, 24(2), 33(1), 39, 40 u 41 tal-Kapitolu 33 u l-artikoli 11(1), 17, 20, 49, 50, 31(1)(b)(ii)(iii)(vi)(vii)(xi), 261(a)(b)(c)(e)(g), 262, 263, 267,

271(g), 276, 277, 279(b), 280(1), 289, 328(d), 329, 330, 334 u 533, tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill hati Marco Pace ghal priguneria ghal zmien tlett (3) snin u tikkundannah ihallas is-somma ta’ elf hames mija u disa u tmenin liri maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1589.51) bhala l-ispejjez tal-perizji inkorsi tul dawn il-proceduri. Mill-imsemmi periodu ta’ prigunerija irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------